MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 265/2010

**Francis Schembri**

**[Neptunes', Triq il-Marina, Marsalforn, Ghawdex**

**I.D. 16861(G)]**

**VS**

**Angelo sive Anglu Mifsud kemm f'ismu proprju**

**kif ukoll ghan-nom tas-socjeta'**

**Lambusa Maritime Shipping Limited [C39329]**

**[80, Xatt is-Sajjied, Marsaxlokk, Malta]**

**U b'digriet tad-29 ta'Lulju 2011 Angelic Mifsud u s-socjeta'**

**Lambusa Maritime Company Limited**

**maghrufa ukoll Lambusa Maritime Shipping Limited [C39329]**

**[80, Xatt is-Sajjied, Marsaxlokk, Malta]**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta'Francis Schembri mressaq fit-22 ta' Marzu 2010, li jaqra hekk:

1. *"Illi l-esponenti huwa propjetarju tal-lanca li ggib l-isem 'Peppina' u ghandha numru tal-licenzja MFA 384;*

2. *Illi l-esponenti kien dahal fi ftehim verbali ma' l-intimat Anglu Mifsud li permezz tieghu l-partijiet qablu li Anglu Mifsud ghandu jibda juza l-lanca ta' l-esponenti u l-qliegh li jaghmel minnha kellu jinqasam bejn il-partijiet;*

3. *Illi ghalhekk l-esponenti ghadda l-pussess tal-lanca imsemmija flimkien ma' l-attrezzaturi u kunzijiet taghha kollha tat-tonn, pixxispad u pistin;*

4. *Illi ghalkemm l-lanca u l-accessorji taghha kienu ilhom fil-pussess ta' l-intimat kwazi ghal dawn l-ahhar sentejn, l-esponenti qatt ma rcieva l-ebda hlas rapprezentanti s-sehem tieghu ta' profitti minghand l-intimat skond il-ftehim konkluz bejniethom;*

5. *Illi l-esponenti ghandu taghrif ukoll illi l-lanca di propjeta' tieghu mhix qed tinzamm fi stat ta'manutenzjoni tajjeb u lanqas ghadha fil-pussess effettiv ta' l-intimat u barra minn hekk, jirrizulta wkoll li l-intimat jew terzi inkarigati minnu, ikkagunaw hsara lill-lanca de quo minhabba negligenza da parti taghhom fl-operar ta' l-istess;*

6. *Illi ghalkemm l-esponenti interpella lill-intimat sabiex jirritorna l-lanca flimkien mal-accessorji taghha kollha u dan ukoll permezz ta' ittra interpellatorja datata 26 ta' Novembru 2009 u ittra ufficjali f'Dicembru 2009 li kopji taghhom qed jigu annessi u mmarkati bhala Dokument "A" u "B", fejn avza lill-intimat li l-ftehim bejniethom ma kienx ghadu vigenti, l-intimat baqa' inadempjenti;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil dina l-Qorti joghgobha:*

1. *Previa dikjarazzjoni li kwalunkwe ftehim konkluz bejn il-partijiet relattivament ghall-lanca bl-isem 'Peppina' bin-numru ta' registrazzjoni MFA384, gie terminat, tordna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju jirritorna lir-rikorrenti l-imsemmija lanca u l-makkinarju, accessorji u kunzijiet taghha kollha;*

2. *Fin-nuqqas, tawtorizza lir-rikorrenti jirriprendi l-pussess tal-lanca de quo huwa*

*stess, a spejjez ta' l-intimat;*

3. *Tillikwida l-qliegh illi l-intimat ippercepixxa bl-uzu tal-lanca tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas nofs dan il-qliegh lir-rikorrent;*

4. *Tiddikjara li l-lanca tar-rikorrenti soffriet hsarat bhala konsegwenza ta' traskuragni ta' l-intimat jew terzi inkarigati minnu, fiz-zmien li kienet fil-pussess esklussiv ta' l-istess intimat;*

5. *Tillikwida d-danni illi sofferti mill-lanca fiz-zmien li ilha fil-pussess ta'l-intimat u tikkundanna lill-intimat jhallas dawn id-danni lir-rikorrenti."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors promotur;

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-kontro parti skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' Angelic Mifsud u tas-socjeta' Lambusa Maritime Company Limited tad-29 t'Ottubru 2010 (a fol. 49 et seq.) li taqra hekk :

1. *"Illi preliminarjament hemm lok ghal korrezzjonijiet fl-okkju ghaliex l-esponent jismu Angelic u mhux Angelo sive Anglu, u s-socjeta bin-numru C39328 hija Lambusa Maritime Company Limited (C 39328) u mhux Lambusa Maritime Shipping Limited.*

2. *Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan stante illi qatt ma sar il-ftehim allegat mill-attur fir-rikors guramentat, la verbali u lanqas bil-miktub la ma' Angelic Mifsud u lanqas ma' Lambusa Maritime Shipping Limited.*

3. *Illi l-konvenut kien accetta verbalment li jzomm id-dghajsa fil-kustodja tieghu solament biex jaghmel pjacir lill-attur li kien ghaddej proceduri ta' seprarazzjoni personali minn ma' martu. Ghalhekk huwa kien, tramite il-crew tieghu, gie f'kuntatt mal-konvenut li kien accetta li jghinu u li jpoggi l-lanca fuq l-irmig tal-konvenut ta' Marsaxlokk.*

4. *Il-konvenut jissottometti wkoll li l-attur kien ha lill-konvenut ghand in-nutar tieghu sabiex l-attur jikkostitwixxi ruhu debitur tal-konvenut f'somma sostanzjali ta' flus u dan sabiex l-attur jkun jista' jinganna lil martu meta jigi biex jaghmel il-kontaggi maghha.*

5. *Illi t-talbiet ghal-likwidazzjoni u hlas ta'danni wkoll ghandhom jigu michuda stante illi l-esponenti ma kkawzaw l-ebda danni fil-lancja in kwistjoni. Anzi huwa il-konvenut li ghandu jigi rizarcit is-somma ta' seba u ghoxrin elf, tmien mija u hamsa u disghin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€27,895.61) (Doc A anness). Dan l-ammont jirrapresenta servizzi moghtija lill-lanca u partikolarment in kwantu ghal elfejn sitt mija u hamsa u sebghin Ewro (€2675.00) diesel fornut lill-lanca flimkien ma' elfejn u tmien mitt Ewro (€2800.00) ammont dovut ghal-liska u elfejn seba mija u hamsin ewro (€2750.00) ammont mhallas mill-konvenut lill-crew ta'din il-lanca. Dawn l-ammonti thallsu mill-konvenut stante li l-attur kellu mandat ta' sekwestru fil-konfront tieghu minhabba sitwazzjoni li kien jinsab fiha u kien hemm qbil li l-attur ihallas dawn l-ammonti la darba l-kwistjoni tas-sekwestru tkun risolta.*

6. *Rigward l-allegazzjoni tal-hsarat ghandu jinghad li din il-lanca kellha l-problemi minn meta huwa gabha hawn Malta. Difatti jekk wiehed jara dok B anness, wiehed jsib li mill-2008 sal-2010 din il-lanca hadmet biss darbtejn. In effetti l-esponent qatt ma kien responsabbli ta' din il-lanca u fil-fatt n-nies li hadmu fuq il-lanca in kwistjoni kienu staff ta' l-attur.*

7. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat il-kontro-talba ta Angelic Mifsud u tas-socjeta' konvenuta Lambusa Maritime Company Limited tad-29 t'Ottubru 2010 ( a fol. 52 et seq.) li taqra hekk :

1. *"Illi l-kontendenti kienu ftehmu li l-konvenut izomm l-lancja propjeta' ta' l-attur fil-kustodja tieghu solament biex jaghmel pjacir lill-attur li kien ghaddej proceduri ta' separazzjoni personali minn ma' martu.*

2. *Illi fiz-zmien li din il-lancja kienet fil-pussess tieghu il-konvenuti nefqu s-somma ta' seba u ghoxrin elf, tmien mija u hamsa u disghin Ewro u wiehed u sittin centezmu*

*(€27,895.61) (Doc A anness). Dan l-ammont jirrapresenta servizzi moghtija lill-lanca u partikolarment in kwantu ghal elfejn sitt mija u hamsa u sebghin Ewro (€2675.00) diesel fornut lill-lanca flimkien ma' elfejn u tmien mitt Ewro (€2800.00) ammont dovut ghal-liska u elfejn seba mija u hasmin Ewro (€2750.00) ammont imhallas mill-konvenut lill-crew ta' din il-lanca. Dawn l-ammonti thallsu mill-konvenut stante li l-attur kellu mandat ta' sekwestru fil-konfront tieghu minhabba sitwazzjoni li kien jinsab fiha u kien hemm qbil li l-attur ihallas dawn l-ammonti la darba l-kwistjoni tas-sekwestru tkun risolta.*

3. *Illi in oltre fl-istess perjodu is-socjeta konvenuta kellha mikrija ghandha mill-Ministeru ghal Ghawdex cold store ghall-uzu esklussiv ta' zamma ta' hut ghas-sajjieda Ghawdxin.*

4. *Illi l-attur kien talab lill-konvenut biex ihallih izomm xi hut tieghu fil-cold store. Pero l-attur abbuzivament u bil-mohbi tal-konvenut beda jdahhal xi merca ohra li ma kienitx permessibbli li tinzamm hemm bil-konsegwenza illi l-konvenuti gew zgumbrati mill-cold store b'konsegwenza illi l-konvenuti kellhom inehhu ammont kbir ta' merca mill-istess cold store u b'hekk sofrew danni.*

*Ghaldaqstant il-konvenuti rikonvenzjonanti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha*

i) *Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuti s-somma ta' seba u ghoxrin elf, tmien mija u hamsa u disghin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€27,895.61) rappresentanti spejjez maghmula fuq lanca ta' l-attur kif hawn fuq premess.*

ii) *Tiddikjara illi l-attur, abbuzivament u bil-mohbi tal-konvenuti, zamm merca fil-cold store tal-konvenuti li ma kienitx permessibbli li tinzamm hemmhekk b'konsegwenza illi l-konvenuti gew zgumbrati mill-istess cold store.*

iii) *Tiddikjara illi minhabba f'hekk l-attur ikkawza danni lill-konvenuti.*

iv) *Tillikwida d-danni hekk sofferti.*

v) *Tikkundanna lill-attur ihallas is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjez u l-imghax u l-attur ingunt in subizzjoni."*

Rat ir-risposta guramentata ta'Francis Schembri ghall-kontro-talba ta'Angelic Mifsud u s-socjeta' Lambusa Maritime Company Limited (C-39328] (a fol. 59 et seq) tat-22 ta'Novembru 2010 li taqra hekk:

1. *"Illi t-talbiet tal-konvenuti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti stante illi fl-ewwel lok jigi eccepit u ribadit illi l-ftehim bejn il-partijiet kien illi l-lanca de quo tinhadem mill-konvenuti u kwalunkwe spejjez inkorsi, salv ghas-servizzi tal-crew, kellhom jinqatghu mid-dhul qabel jinqasam il-qligh rimanenti bejn il-partijiet;*

2. *Illi konsegwentement, ma huwiex minnu illi l-ftehim bejn il-partijiet kien illi l-konvenut izomm il-lanca de quo fil-kustodja tieghu biex jaghmel pjacir lill-eccipjenti minhabba proceduri pendenti ta' separazzjoni personali minn ma'martu. Ghalhekk, l-ewwel talba tal-konvenuti ghandha tigi michuda anke fid-dawl tal-fatt illi din tikkostitwixxi ammissjoni tal-ftehim effettivament konkluz bejn il-partijiet inter alia ghall-uzu tal-lanca de quo mill-konvenuti u tal-fatt illi l-istess lanca ntuzat minnhom diversi drabi ghal skopijiet ta' sajd;*

3. *Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju, jigi eccepit ukoll illi l-ispejjez allegatament maghmula mill-konvenuti huma esagerati u eccessivi u, filwaqt illi bosta mill-ammonti rizultanti minn Dok.A esebita mill-istess konvenuti ma jirraprezentawx servizzi allegatament moghtija lill-lanca de quo, ghandha tingieb prova ta' dawn l-allegati spejjez;*

4. *Illi t-tieni talba tigi respinta stante illi ma huwiex minnu illi l-eccipjenti zamm merc fil-cold store tal-konvenuti abbuzivament u bil-mohbi ta' l-istess konvenuti jew illi l-istess konvenuti gew b'xi mod zgumbrati minn xi cold store, wisq anqas minhabba xi tort imputabbli lill-eccipjenti;*

5. *Illi konsegwentement, it-tielet, raba' u hames talbiet tal-konvenuti ghandhom jigu*

*respinti bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.*

*Salva eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-25 ta'Novembru 2010, fejn innominat lil-Perit Legali Dr. Gabrielle Zammit (a fol. 63 et seq.);

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Gabrielle Zammit prezentat fis-26 ta'Frar 2014 u mahluf fis-6 ta' Marzu 2014 (a fol. 160 et seq.)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta'Osservazzjonijiet ta'Francis Schembri tal-5 ta'Mejju 2014 (a fol. 641 et seq.);

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet risponsiva ta' Angelic Mifsud tat-3 ta'Gunju 2014 (a fol. 648 et seq.);

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda tar-rikorrenti Francis Schembri a fol. 276 et seq, ikkonferma xhieda fl-affidavit tieghu Dok FS1 minn fol. 12 sa 14 u xhed li fl-1998 xtara il-lanca, irrangaha u b'kollox giet tiswa bejn Lm50,000 u Lm60,000.

B'referenza ghal Dok.B, anness mar-risposta guramentata tal-konvenut, l-attur xhed li dawn il-figuri jirraprezentaw l-ammont ta' bejgh ta' hut li huwa qabad b'din il-lanca. Ikkonferma l-figuri ndikati ghas-sena 2006 u tal-2007 u ghar-rigward l-2008, ikkonferma li sa Frar kien hemm bejgh ta' hut b'valur ta' Lm1000 – "id-differenza milli taghni s-Sur Anglu stess".

Minn Frar 2008 ‘l quddiem Schembri xhed  lil hu kien ta l-lanca lil Anglu Mifsud u l-bejgh li ghamel Mifsud ma jidhirx irregistrat f’Dok.B.

Meta gralha l-hsara l-lanca, Mifsud kien cempillu, informah dwar il-hsara u l-htiega ta’ gear box gdida,  u infomah li kien ser jixtri l-ispare part hu stess minn barra.

Din il-lanca spiccat f’shipyard Marsaxlokk bejn Settembru 2008 sa Ottubru 2010 meta rcieva kont ta’ €6,482.50 ghal hsarat fil-lanca – Vide Dok FS1, a fol. 543.

Schembri xhed li inghata, mid-Dipartiment tas-Sajd, il-*fiscal receipt* ghal 2008/2009 u Dipartiment talbuh jispjega r-ricevuti ‘l ghaliex kellhom informazzjoni li l-lanca koncernata kienet fis-shipyard.

Fil-2011 d-Dipartiment informawh li jekk sal-ahhar ta’2011 ma jiddikjarax bejgh ta’ hut il-licenzja  ta’ lanca kienet ser tigi revokata Dok FS2.

Frans Schembri xhed li harget skema fil-2000 fejn jekk lanca tigi skrappjata, is-sid jew sajjied  u jinghata €140,000 – €150,000 izda Schembri xhed li dan ma kkwalifikatx ghalihom ghaliex l-lanca ma kienitx hadmet fl-ahhar sentejn.

Anthony Tanti (a fol. 286 et seq.) mpjegat ta’ Dipartiment tas-Sajd ezebixxa Dok AT1 u juri li ebda bejgh ta’ hut maqbud bil-lanca MFA 384 Peppina ma sar bejn 2004-2010 mill-pixkerija.

Gie mitlub jipproduci vouchers ghas-snin 2006 sa 2008.

Mario Cassar a fol. 290 et seq u ikkonferma li huwa jahdem fid-Divizjoni ta’ Paul Fenech Gonzi u li l-irmiggi jiehdu hsiebhom il-Malta Maritime izda ghar-rigward ta’ *hard standing facilities* li jinstabu fil-ponta tal-Qrejten Marsaxlokk seta’ jiddponi hu. Cassar xhed illi d-dghajsa in kwistjoni kienet irregistrata f’isem r-rikorrenti Francis Schembri.  Din giet mtella fuq l-art fis-17 ta’Settembru 2008 – Dok. MC2 a fol. 545.  Iddikjara li sal-31 ta’Jannar 2011 l-ammont dovut kien €17,020.26 – Dok. MC1 a fol.544. Ezebixxa Dok. MC3 li juri l-ammont ta’ duty free fuel allokat ghal dan il-bastiment  minn 2004 sa 2011.

Huwa ikkonferma li darba kull sena d-Dipartiment jitlob li jinghata l-ammont ta’ hut mibjugh li ghamlet il-lanca b’modd dirett, u din l-informazzjoni tinghata minn Tony Tanti u Rita Spiteri.

Spjega kif tinhadem l-allokazzjoni tal-fuel ghal-kull lanca: u cioe’ jittiehed averge jew medja ta’ bejgh ta’ hut tal-ahhar tlett snin, u dan l-ammont jigi diviz bi 1.75. Bejgh ta’ hut jinkludi bejgh mill-pixkerija u bejgh dirett. Il-allokazzjoni tal-fuel ghal lanca in kwistjoni ghas-sena vigenti (2011) kienet 2706 litri ta’ fuel.

Rita Spiteri a fol. 300 et seq, Principal Officer fid-Dipartiment tas-Sajd xhedet illi hija tiehu hsieb ir-registru ta’ Bastimenti tas-Sajd.

Hija ezebiet Dok. RS1 sa RS9 recevuti ta’ bejgh ta’ hut dirett ghas-snin 2005 sa 2010 mill-lanca MFA 384 ‘Peppina’.

Ikkonfermat li l-lanca kienet registrata f’isem l-attur Schembri , il-VAT Number kien f’isem Francis Schembru pero gieli kien fuq Neptune Bar & Restaurant.

Mario Cassar reprodott a fol. 303 ikkonferma li l-lanca kienet ttelghet l-art qabel 2008 u l-invoice tindika Lambusa Maritime Co. Ltd (LMCL) Il-Bastiment huma membru tal-Koperattiva Nazzjonali tas-Sajd. Muri Dok. AM1, Cassar kkonferma li l-ammont ta’ €291.117 thallas minn LMCL lil Gvern ghal servizz ta’ *hard standing facilities* ghal bastiment 384.

Anthony Tanti re-prodott (a fol. 305 et seq.) ezebixxa Dok. AT2 vouchers ghas-sena 2006 – 2008 bejgh ta’ hut dirett mid-dghajsa MFA 384 ‘Peppina,’ Dok. AT3 a fol. 479 et seq. jindikaw il-*vouchers* tal-bejgh ta’ hut mill-pixkerija mid-dghajsa MFA 384 ‘Peppina, waqt illi Dok. AT4 a fol. 533, juru l-pagamenti maghmula mill-Koperattiva Nazzjonali tas-Sajd (KNS).

Joseph Zahra (a fol. 306 et seq.) mpjegat mal-KNS ezebixxa Dok. JZ1a fol. 474, li jindika d-diesel li gie mibjugh lil-lanca in kwistjoni.

Kkonferma il-formula ta’kif jigi kalkolat l-allokazzjoni tad-*duty free diesel*.

Muri Dok. AM2 sa AM17 Zahra xhed illi dawk kienu kollha indikati f'Dok JZ1. Zahra xhed ukoll li l-VAT Number jghajjat lir-rikorrenti Francis Schembri. Zahra ikkonferma li Angelique Mifsud jew Lambusa Maritime Co Limited ma hadux *duty free diesel* minghandhom.

Joseph Zahra (a fol. 315 et seq.) reprodott xhed illi d-*diesel* li ha il-bastiment MFA 384 'Peppina' f'April, Gunju , Awwissu, Settembru, Novembru 2008 ittiehed minn pompa ta' Marsaxlokk – Dok. JZ2 a fol. 475. Muri Dok. AM8, Zahra ikkonferma l-kitba tieghu fuq dan id-dokument, u xhed illi l-konvenut Mifsud kien jbiegh il-hut tal-Koperattiva li hallset lil Mifsud bhala pitkal. Dok. AM8, juri l-bejgh ta' Dicembru 2008 u Novembru 2007 tas-sajjieda li fuqu jinhadem il-*commission* dovut lil Mifsud bhala pitkal.

John Farrugia a fol 326 et seq, *Engine Fitter* kkonferma li l-konvenut Mifsud kien gablu magna tal-Peppina fil-2008. Mifsud kellu jixtri l-*ispare parts* ghal *gear box* izda kien gablu biss kaxxa bil-*filters* u *head gasket*. Il-magna kienet ghadha fil-pussess tieghu.

In kontro-ezami xhed illi ma kienx jaf ta' min kienet il-lanca izda li Mifsud kien cempillu biex informah li ser jgiblu magna ghat-tiswija.

Carmel Bugeja a fol. 328 et seq, raprezentant tal-Ghaqda Kooperattiva Tas-Sajd xhed illi huma jaghtu servizz ta' *cold stores*, u jithallsu ghal dan is-servizz.

Il-kamra tal-*cold store* gewwa Ghawdex kienet proprjeta' tal-Gvern.

Bugeja in kontro-ezami a fol. 333, xhed illi hu jaf li Schembri jahdem bil-lanca koncernata u kien hemm zewg Taljani (ahwa) jahdmu mieghu. Huwa xhed illi hu u Francis Schembri kellhom ic-cwievet tal-*cold store* t'Ghawdex. Il-*cold room* kienet tintuza ghall-liska (*fish bait*).

Il-kuntratt gie terminat mill-Gvern 'l ghaliex sabu laham stivat fil-*cold store* in vjolazzjoni tal-ligi. Muri l-ittra ufficcjali Dok. AM17 ghall izgumbrament mill-*cold room,* Bugeja kkonferma li kien rcieva din il-ittra meta l-Gvern kien hadilhom il-*cold room*. Anglu Mifsud kien ha l-liska mill-*cold room* u qieghda *refrigerated container* Marsaxlokk.

Francis Schembri (a fol. 342) xhed illi l-ammont indikat f’Dok B kien jirreferi ghal bejgh li sar mill-Pixkerija Malta. Il-bejgh iehor minn Ghawdex ghas-snin 2006 sa 2008 mhuwiex nklus f’dan id-dokument u rcevuti ta’ dan il-bejgh kien jinghataw lill Rita Spiteri.

B’referenza ghal Dok. A, huwa xhed li qatt ma rcieva *Statement of Accounts* mahrug minn Lambusa Maritime Co. Ltd. Huwa personalment, qatt ma xtara hut minghand LMCL, imma xtara minghand il-kumpanija bhala rapprezentant ta’ Neptune Bar & Restaurant, bl-ahhar xiri f’Gunju 2009. Wara din d-data ma xtara xejn u LMCL lanqas ma xtara *diesel* minghad il-kumpanija intimata. Rigward l-*entries* ghax-xiri ta’ batteriji u affarijiet li ghandhom x’jaqsmu ma reparazzjonijiet tal-*cold store,* Schembri xhed li huwa qatt ma ntalab ihallas ghal-dan l-ammont minghand is-socjeta’ intimata u ma talab li jsiru ebda xoghol ta’ manutenzjoni fuq il-*cold room,* minn LMCL - a fol. 343.

Gew ezebiti l-affidavits ta’ Anglu Mifsud Dok. AM a fol.432 et seq ; Monica Mifsud AM1 a fol. 468; Daniel Ferriggi Dok. AM2 a fol. 471; u Sandro Serra AM3 a fol. 472.

Fl-Affidavit tieghu Angelic Mifsud a fol.432 et seq, sostna li la huwa, lanqas il-kumpanija Lambusa Maritime Ltd qatt ma krew jew uzaw xi bastiment tas-sajd minghand Francis Schembri. Sostna li kien ili jaf lil Francis Schembri ‘il fuq min ghoxrin sena. Francis Schembri kien juza’ lil pitkal li dak iz-zmien kienet socjeta’ socjeta bl-isem ta’ Galea Brothers u kienu inbieghu il-hut tieghu mill-pixkerija.

Huwa u Francis Schembri kienu hbieb kbar. Hu kien jipprova jghinu u kien ingaggalu nies biex jghinuh, specjalment fi zmien tas-separazzjoni ta’ Schembri minn mal-mara tieghu.

Darba kien qallu biex jghamillu pjacir, kienu ltaqghu man-nutar tieghu minn Ghawdex f’*restaurant* f’Paceville fil-marina tal-Hilton u kienu ghamlu zewg skritturi, wahda fejn iddikjaraw li hu (Mifsud) sellfu Lm20,000 u ohra fejn iddikjaraw li kien hallsu, u dan biex juri lill-mara tieghu li hu kellu d-dejn. Kien qall wkoll (u urieh xi *accounts* u xi karti ta’ l-MFSA f’dan is-sens) li kollox kien fuq il-kumpanija tieghu u ghalhekk ma kien ser jaghti xejn lil l-mara u anqas it-tfal.

Francis Schembri kellu bastiment tas-sajd bl-isem "Peppina MFA 0384" li kien juza. Fuq dan il-bastiment kienu jahdmulu xi sajjieda Ghawdxin. Kellu kaptan, certu Alan, li kien johodlu hsieb il-bastiment f'Ghawdex, izda kellu xi jghid mieghu u f'Marzu 2008 Francis Schembri kien cempillu u talbu li johodlu il-bastiment Malta .Kien talbu jiselfu irmigg fejn jorbot il-lanca u jsiblu xi *crew*.

Schembri gab il-bastiment Marsaxlokk, fuq irmigg tal-intimat. Kien talabu biex isiblu xi *crew* biex jahdem mieghu u jaqsam il-qliegh nofs bin-nofs bl-ingenji b'kollox wara li jaqtghu l-ispejjes.

Mifsud xhed a fol. 433, li Schembri informah li l-bastiment kellu xi problema bil-friza u l-iskrun. Kien qallu biex jgiblu stima ghall reparazzjonijiet u biex titella l-lanca, u sahasitra kien ha xi ritratti meta kienu qed jigbduha bil-*crane*. Gie ezebit ritratt Dok1. Schembri talabu biex jixtri z-zebgha u z-zingu (*zinc anodes*) mill-hanut tal-kooperattiv u Mifsud hallas il-kont - vide ircevuta rec 3230 data 2 t'April 2008 mfa 384 tal-*hard standing* DokAM1.

Mifsud kien introduca lil Schembri ma zewg barranin ahwa Taljani li jghixu Malta, Sandro u Luka ahwa Serra, u ftehmu kif ser jahdmu. Mifsud hadhom mieghu Ghawdex, taghom l-ingenji (l-irkabtu ossia l-armar tas-sajd) kollha biex jahdmu, u flus bhala rigal u hadhom anki r-*restaurant* tieghu Neptunes Restaurant bhala gest talli kienu ser jghinuh. Ftiehem maghhom biex il-liska u *supplies* johduhom minghand Lambusa Maritime Ltd b'dana li dawn l-ispejjes kellhom jithallsu mill-profitti. Mifsud xhed li accetta u tah tletin gurnata *credit*.

Peress li kien zmien il-pixxispat, l-ahwa Serra riedu jixtru xi harira (fishing tackle) u snanar u xi affarijiet ohra. Francis Schembri kien talab lil Mifsud jixtrilu dana kollu minn Malta. Mifsud xhed li kien ghamel kont separat ghand tal-kooperattiva. Mifsub sab pero li l-ahwa Serra kienu qed jonfqu iz-zejjed . Kienu jixtru wkoll minghand Ernest Marine Centre u Mifsud kien hallas dan ukoll. Gie esebiet kopja ta' l-*invoices* Dok.2 sa 9.

Mifsud xhed li kellu l-Vat *receipts* ta' dawn il-*invoices* bghathom lil-Vat department. Fuq l-invoices kien hemm il-firem tal-bahrin ta Schembri. Giet esebieta ircevuta ta' Electrical Supplies (Dok.13) ta' affarijiet varji li saru fuq il-lanca. Gie ezebiet *statement of account* ta' EG Trading (Dok.14), u Dok.15 ircevuta ta' *pipes* tal-*hydraulic* u tad-*diesel* li intuzaw fil-

lanca. Giet esebita ircevuta minghand Jonathan Ellul (Dok.16) ghal riparazzjonijiet fuq *gearbox* fuq l-istess lanca, u Dok.17 li hija ircevuta ta' riparazzjoni tal-friza tal-lanca.

Gara li wara hames sajdiet il-bastiment lanqas biss qabad hut u bdew jitilghu l-ispejjes. Di piu dahal bahri iehor fuq il-lanca ‚Joe Stagno' maghruf bhala it-Tinty. Hargu jistadu u wara ftit dahlu lura bil-hsara fil-magna, tant li kellha tinqala il-magna. Il-*mechanic* sab pero li l-hsara kienet fil-*gearbox*. Schembri gie nformat u talab lil-*mechanic* jixtrilu xi *parts*. Il-haddiema ta Mifsud xtaw il-*parts* u tawhom lill-*mechanic* li rrikieda gearbox gdida biex tigi rizolta il-problema. Ghalkemm Schembri ppretenda li Mifsud jakkwista *gearbox second hand* minn barra, Mifsud ma acettax li jaghmel dan minghajr ma jithallas minn ghand Schembri ghal prezzha -2,600 Ewro.

Mifsud sostna li kien ghamel dan kollu ma' Francis Schembri ghaliex dan kien habib kbir tieghu. Minhabba s-separazzjoni minn mal-mara u s- sekwestru kontra tieghu , Mifsud xhed li kien jaf li Schembri ma setax ihallas dak iz-zmien, pero "*kont nafdah mija fil-mija..... Inhossni ferm urtat li minflok qabad u hallasni u wara li ghamiltlu dan il-pjacir issa qed jipprova jipprofitta ruhu u jghid li jien hdimt bil-lanca tieghu u kkawzajtlu danni. Jien din qatt ma ppretendejtha ghaliex jien qatt ma ghamilt uzu mill-lanca."* Vide fol. 435.

L-intimat xhed li l-kumpanija Lambusa Maritime Limited kienet kreditrici ta' Francis Schembri f'ammonti sostanjali, u dan apparti somom ohra dovuti minghand il-kumpanija tieghu Neptune Company Limited li pero ma kienux mertu ta'din il-kawza.

L-intimat Mifsud xhed li Lambusa Maritime kellha agreement mal-Gvern f'Ghawdex biex tuza *cold store* tal-Gvern. Dan kien ikun ta' servizz ghas-sajjieda f'Ghawdex, biex go fihom jinzammu l-kavalli u silg. L-attur kien talbu biex ipoggi ftit merkanzija f'din l-*cold store* ghax kienet waqfitlu tieghu, u talbu cavetta tal-*cold store*. Mifsud sostna li ghalkemm kellu fiducja ghamja fl-attur, dan sal-gurnata ta' llum, ghadu ma hallsux minkejja li hu hareg l-ircevuti fiskali skond kif titlob il-ligi. Mifsud xhed li gie zgumbrat minn din il-*coldroom* mill-Ministeru ta' Ghawdex vide Dok.18 'l ghaliex Schembri kien vvjola il-kundizzjonijiet tal-kuntratt li kellu mal-Gvern minhabba li zamm prodotti mhux relatati mas-sajd fil-*cold store*. Meta tela Ghawdex, sab li Francis Schembri kien mela l-*cold store* bi prodotti ta' tigieg u laham. Minhabba dan, Mifsud tilef l-kuntratt tal-*cold store*. Bhala konsegwenza ta' dan kien kostrett jikri tlett *refrigerated containers* biex jistiva l-merkanzija tieghu. Esebixxa Dok.19

ircevuta tal-kiri ta' *containers*; Dok.20 *bill of lading* tal-merkanzija Ghawdex li juri l-merkanzija li kellu fil-cold stores.

Mifsud xhed li apparti dan, l-attur kien jixtri hafna merkanzija  minn ghandu u ma jhallsux, u esebixxa statement Dok.21.

Mifsud sostna li l-lanca qatt ma hadmet fis-snin 2006, 2007, 2008, 2009, 2010, 2011. Infatti saru *fiscal receipts* biss fuq il-*vat number* tal-konvenut sabiex l-attur  jaghti l-impressjoni li l-bastiment kien qed jahdem biex ma jitlifx l-ghajnuniet mill-Gvern tant li id-Dipartiment tas-Sajd gibidlu l-attenzjoni. Mifsud xhed li kien hemm zewg *vat numbers*, dak ta' Francis Schembri personali u dak tal-kumpanija tieghu. Mifsud ghamel referenza ghal-*fiscal receipts* mmarkati bhala Dok.AM9 sa AM15. L-unici *fiscal receipts* li jappartjenu lill-intimat huma 000204/203/202/201 li jammontaw ghall Lm5050.00.

> ***"Dak li ddikjara Francis dwar l-ammont ta' fiscal receipt 29,811.00 huma fuq vat li ma jezistix u fuq kumpanija li ma tezistix. Tant hu hekk illi meta s-Sur Tanti mill-fisheries xehed staqsejnieh kemm qabdet hu id-dghajsa. Dan kull ma ppresenta kien biss statistika li kellu minn fuq informazzjoni tad-dipartiment. Meta intalbu l-vouchers tal-bejgh tal-hut tal-pixkerija dawn ma sabu l-ebda records u l-unika records li ingiebu ghal din il-kawza kienu vat fiscal receipts li kien ippresentahom Francis Schembri lil Rita Spiteri. Tanti ippresenta dokument li wera li fl-2006 qabdet 41,356, fit-2007 27,880 u fit-2008 1,077 (li qed terga' tigi ppresentata bhala Dok.23). Meta staqsejna lil Joseph Zahra tal-koperattiva dwar min hallas id-djun tad-diesel dan qal li hallsu min ghandu l-ircevuta. Qed nesebixxi Dok.24 sa 27 li huma rcevuti u Dok.28 li hija notamenti ta' Joseph Zahra ghall-kont kollu."***

Mifsud xhed illi kien kostrett ihallas ghad-*diesel* tal-lanca u l-ispejjez li jidhru  fl-ircevuti fuq indikati, u dan sabiex  ma jiggilidtx mal-fornituri tieghu. Sostna illi Lambusa Maritime Ltd qatt m'ghamlet xi ftehim jew xi tip ta akkordju ma Schembri imma kienet tfornieh bi prodotti biss. Sostna li meta isir ftehim dwar kiri jew bejgh ta' lanca, dejjem isir permezz ta' kuntratt li jigi notifikat  d-dipartimenti koncernati.

Fl-affidavit taghha Dok. AM1 Monica Mifsud, xhedet li zewgha Angelic u l-attur kienu hbieb tax-xoghol u taf li l-kumpanija ta' zewgha Lambusa Maritime kienet tbiegh merkanzija lil Neptune Restaurant, propjeta ta' Francis Schembri, li jinsab Ghawdex. Hija sostniet li l-attur kellu jghati xi flus lil zewgha.

Hija xhedet li l-attur kien talab lil zewgha jidhol fi skrittura privata ta' self ta' xi Lm20,000 b'tali mod li jkun jidher li Francis Schembri issellef l-ammont minghandhom u din l-iskrittura kellha tigi prezentata l-Qorti.

> ***Kien ghall-habta tal hdax ta' bil-lejl. Kien gie Schembri flimkien man Nutar u ghamilna l-iskrittura. Wara ghamilna skrittura ohra li tghid li hu kien hallasna lura.***

Monica Mifsud ikkonfermat li l-attur kien talab lil zewgha biex isiblu tlett bahrin biex jahdmu fuq l-lanca Malta. Monica Mifsud xhedet li hija kienet tahdem ukoll fil-kumpanija ta' zewgha u tiehu hsieb l-*accounts* u ghalhekk taf li Francis Schembri ghadu ma hallasx l-ammont €27,895.61 dovut lilhom. Kienet taf ukoll li minhabba li Francis Schembri ghamel uzu hazin tal-*cold store* ta' Ghawdex, zewgha tilef il-kirja tal-istess *cold room* u dan swielhom hafna flus u cioe' €24,850.80, f'kiri ta' *containers refers* (*freezers*).

Fl-Affidavit tieghu Daniel Ferriggi, xhed li jiggestixxi l-hanut tal-Ghaqda Koperattiva tas-sajd LTD gewwa Marsaxlokk, xhed li permezz tal-kumpanija TaHabel LTD, huwa kien issuplixxa lil-bastiment Peppina MFA 384 b'affarijiet tas-sajd u ta' *iron monger*, u li Angelic Mifsud kien talbu biex jintesta l-*invoices* separatament kull darba li jigu jixtru xi affarijiet il-bahrin tal-Peppina, u li kellhom jiffirmaw fuq l-*invoice*. Mifsud Angelic kien qallu biex jaghmel dan sabiex izomm separat il-kontijiet tal-Peppina mill-kontijiet li l-intimat kellu ghall-bastiment tas-sajd tieghu personali.

Finalment il-kontijiet ta' MV Peppina MFA 384 kienu qabzu il-limitu ta' kreditu, u kien hareg l-*invoices* lill-kumpanija Lambusa Ltd *"u dan biex Angelic jghaddieh lil Francis Schembri. Ta' dan l-ahhar statement ghadni ma thallastx. Sid il-bastiment Francis Schembri qatt ma ltqajt mieghu.*" Feriggi xhed li ghad ghandu jiehu €4,500.00.

Ferriggi ikkonferma wkoll li Francis Schembri bhala sid il-bastiment kellu jaghti xi flus lil Angelic Mifsud u lill-*hard standing facility*.

Monica Mifsud a fol. 205 et seq, in kontro-ezami xhedet illi hija u zewgha kienu Diretturi ta' Lampedusa Maritime Shipping Company Limited (LMS). Hija xhedet li r-rikorrenti kien debitur taghhom fuq bejgh ta' hut lir-*restaurant* tieghu Neptunes Bar and Restaurant, u biex jistad bil-lanca tieghu. Dan d-dejn kien antecdenti ghal kwistjoni tal-lanca Peppina. Ikkonfermat li l-ammont indikat f'Dok. A kien ghad-*diesel* u *fishing tackle*. Rigward l-*cold room* Monica Mifsud kkonfermat li kien jikru l-cold room min ghand il-Gvern f'Ghawdex ghal usu t'oggetti konnessi mas-sajd. Kienu hallew lil Schembri juza l-*cold room* u kien rrizultalhom xi hsarat. Monica xhedet illi hija kienet tiehu hsieb l-*accounts*.

Il-Gvern kien ha lura l-cold room minhabba affarijiet li qieghed Schmebri fil-*cold room*. Ikkonfermat li Lambusa Maritime Shipping Co. kienet kostretta tikri tlett *containers* sabiex jitqieghed il-liska bi spiza ta' €24,850.

Monica Mifsud xhedet illi kienu avzaw lill-attur dwar dan u qallilhom *"go ahead biex nikru dawn il-containers."*

Mifsud ikkonfermat illi s-socjeta' Mon Maritime kienet taghha.

Ikkonfermat Dok. Z *invoice* mibghuta lir-*restaurant* tal-attur Neptunes Bar and Restaurant.

Monica Mifsud xhedet li ma kienitx prezenti ghal ftehim bejn il-kontendenti. Hija kkonfermat li Schmebri kellu problema bil-*crew* tieghu u zewgha, (Mifsud) offra li jgib il-lanca Malta u jghinu jsib *crew* gdid. Mifsud infatti sab il-*crew* il-gdid u kien nefaq hafna flus biex jghallem il-*crew* gdid -"eluf ta' liri."

Monica kkkonfermat li zewgha tella l-lanca gio *shipyard* darbtejn ghal *maintenance*, Ma kienitx taf kemm –il darba harget il-lanca. Izda xhedet illi *"kull ma kien jsir kien bil-kunsens tieghu, dejjem bi ftehim bejn zewgi u Schmebri ..."* a fol. 366

Angelo Mifsud a fol. 381 et seq., in kontro-ezami xhed illi c-cwievet tal-lanca qatt ma kienu ghandu u ftehim ma Schembri qatt ma kien hemm.

Il-*crew* tal-lanca kienu "nies tieghu" pero kien Mifsud li iqabbadhom. Ikkonferma li hareg eluf ta' liri ghan nom tal-attur, "biex il-lanca qeghda hemm fuq l-irmieg" Mifsud xhed illi sabiex tithaddem lanca ikun hemm spiza biex tigi operata cioe' spiza ta' *diesel*, liska u l-ingenji u *fishing tackle*.

Sostna li ma kienx jaf x'kien fiha l-lanca ghaliex din tghabbiet mill-*crew*. Ikkonferma li l-*crew* ta' Peppina MV kienu talbuh biex jixtri l-ingenji, u hekk ghamel. Mifsud ikkonferma li kien tella din il-lanca fit-2 t'April 2008, u ghal dan kien hallas hu. Ikkonferma l-hlas ta' *diesel* ghan-nom tal-attur (Dok. 24 sa 27) vide fol. 462 sa 465. A fol. 386 kkonferma li Schembri kien hallsu s-somma ta' €2,640 ghal hut li kien jixtri minghandu fl-4 ta' Lulju 2008. B'referenza ghal Dok. A ikkonferma li dan l-*invoice* kien jigbor l-affarijiet li Schembri kien jixtri mill-kumpanija tieghu ghar-*restaurant* ta' Schembri kif ukoll affarijiet li ntraw ghal-lanca ta' Schembri. Ikkonferma li huwa kien baghat din l-*invoice* ghal hlas li Schembri diversi drabi – vide fol. 370. B'referenza ghal Dok. 3 sa 9, Mifsud ikkonferma li l-affarijiet indikati f'dawn id-dokumenti kien nxtraw minnu ghal-lanca ta' Schembri, tant li fuq l-*invoice* hemm indikat Peppina u l-firem tal-*crew* tal-istess lanca, vide fol. 387.

Marco Cassar a fol. 186, xhed illi l-Malta Maritime tiehu hsieb l-irmiggi, waqt li hu seta jixhed dwar il-*hard standing facilities*.

Skond id-*database* taghhom, il-Peppina MV giet imtella l-art fis-17 ta' Settembru 2008, u ezebixxa Dok.MC2. Huwa ikkonferma li sal-31 ta' Jannar 2011, l-ammont dovut ghal-*hard standing facilities* kien ta' €17,020.26.

Giet ezebita bhala Dok.MC1 ittra tat-13 ta' Ottubru 2010 mibghuta minn Fenech Gonzi lil Francis Schembri bl-ammont dovut, liema ittra kienet irregistrata fuq Francis Schembri.

> ***Skond id-database, il-customer li jkun irregistra sabiex itella' l-lanca fis-shipyard m'huwiex full name, pero' huwa "Lambusa MAriti. L-ittra tat-13 ta' Ottubru 2010, intbghatet kopja biss lill-owner tad-dghajsa."*** a fol. 187;

Rigward bejgh ta' *diesel* ghas-snin 2004 sa l-2010 ta' din il-lanca – ahna ma jkollniex x'naqsmu mal-bejgh ta' diesel, pero' mad-*duty free allocation*. Qed nezebixxi l-ammonti allokati ghal dan il-bastiment mill-2004 sal-2011, li qed tigi mmarkata bhala Dok.MC3. Ma nkunx naf jekk intuzawx jew le."

In kontro-ezami Marco Cassar xhed a fol. 191 et seq.: ***"mill-esperjenza tieghi"*** bastiment jittella fl-art sabiex isir *maintenance* mehtieg.

> ***Darba fis-sena tintalab il-bejgh ta' hut illi ghamlet il-lanca minghand Tony Tanti u Rita Spiteri, li huma bejgh dirett. Bejgh fil-pixkerija, id-dipartiment ikollu tas-snin ta' qabel ukoll irregistrati ghandu. L-allokazzjoni tinhadem billi nohorgu l-average ta' bejgh ta' hut ta' l-ahhar 3 snin u dak l-ammont nghamluh divided by 1.75 u tohrog l-allocation. Matul is-snin, jista' jkun li jew niehdu l-valur to the significant figure, u dan dejjem favur is-sajjied. L-allocation tohrog in litres.***

B'referenza ghal Dok.AM1, Cassar xhed li tfisser li l-Gvern ta' Malta rcieva l-ammont ta' 291.17 minghand Lambusa Maritime Co. Ltd, ghas-servizz ta' hard standing facilities ghall-bastiment 384.

Anthony Tanti prodott in kontro-ezami a fol. 192**,** ezebixxa lista tal-vouchers rigward is-snin 2006, 2007 u 2008, cioe' Dok.AT2; u l-vouchers li jirreferu ghall-bejgh tal-hut mill-pixkerija mid-dghajsa MFA 384 fl-2006, 2007 u 2008, - Dok.AT3.

Ezebixxa wkoll Dok.AT4 l-pagamenti referibbli ghal il-vouchers Dok.AT3.

B'referenza ghal Dok.AT4, xhed illi dawn huma l-*batches* ta' kif hallasu fiz-zmien li kellhom bejgh dik id-dghajsa partikolari. Dawn il-hlasijiet inhargu lill-Koperattiva Nazzjonali tas-Sajd.

Joseph Zahra a fol. 192, mpjegat mall-Koperattiva Nazzjonali tas-Sajd, ezebixxa Dok.JZ1, lista tad-diesel mibjugh lil bastiment MFA 384 mill-2005 sa l-2010.

> ***Id-diesel jaqbdu bejgh ta' 3 snin kemm mill-pixkerija u kemm b'ircevuti fiskali u johrog average l-ewwel. Minn dak l-average fil-present qieghed ghal kull 1.75 krejt litru diesel. Qabel kienet gholja izjed."***A fol. 193

B'referenza ghal Dok.AM2 , AM5, AM6a u b u AM7, Zahra xhed li dawn jirreferu ghal Dok.JZ1, u l-ircevuti jaghjtu lil Francis Schembri, s-sid il-lanca koncernata. ***"Ma jidhirlix li qatt rajna VAT numru iehor ta' din il-lanca."***a fol. 193.

Zahra ezebixxa Dok. JZ2 li juri li fl-2008 id-diesel li ha l-bastiment MFA384 fix-xhur ta' April, Gunju, Settembru u Novembru haduh kollu mill-pompa ta' Marsaxlokk.

Zahra xhed b'referenza ghal Dok.AM8 li dan kien il-bejgh tal-hut tal-koperattiva tal-intimat Mifsud ghal Dicembru 2008 u Novembru 2007.

Carmel Bugeja ufficjal fl-Ghaqda Koperattiva tas-Sajda fol. 328, in kontro-ezami xhed illi meta rrefera ghal hlas kien qed jirreferi ghal Francis Schembri. Ikkonferma li Schembri kellu problemi mal-mara tieghu .

Bugeja sostna li Francis Schembri kellu lanca ('Il-Peppina') Marsaxlokk, u li Anglu Mifsud jiehu hsiebha. Kien sellef lil Joseph Stagno, l-bahri tal-lanca, garaxx biex jistorjaw l-affarijiet tal-lanca. Stagno kien jahdem fuq din il-lanca ma zewg Taljani ahwa.

***"Il-cold store ta' Ghawdex gie ghandna bhala Koperattiva, ghaliex jien tlabtu lill-Ministeru t'Ghawdex biex nistorjaw il-hut. Ic-cavetta kellu Francis Schembri u jien.***

Il-kuntratt gie terminat mill-Gvern, ghaliex sabu laham stivat fil-*cold room*.

Ikkonferma li wara li gew zgumbrati mill-*cold room*, Anglu Mifsud kellu jikri *refrigerated container* biex jistiva il-lixka tieghu.

Francis Schembri in kontro-ezami a fol. 402, xhed li kien ilu jaf lil Mifsud mill-1995, u kien jinnegozja mieghu. Schembri ikkonferma li kien xtara l-lanca; li kien jixtri l-hut ghar-

restaurant, billi jinnegozja ma' 'Lambusa Maritime'. "***Le ma krejtx il-lanca tieghi u m'hemm xejn bil-miktub illi jiena ppermettejt lil Mifsud juzaha. Meta nghid li kont ghaddejt il-lanca lil Mifsud, le, f'dan ir-rigward ma kien hemm xejn bil-miktub."***a fol. 403.

Ikkonferma li kellu proceduri pendenti ta' separazzjoni personali, li ma kellhomx x'jaqsam mal-kaz odjern.

Il-ftehim kien li jhaddem il-lanca Peppina MV Mifsud u jaqsmu nofs bin-nofs wara li jinqatghu l-ispejjez.

In kontro-ezami Daniel Ferriggi a fol. 412, xhed li l-bahrin li kienu jigu jixtru minghandu kienu mqabbdin mill-intimat Mifsud. Huwa kkonferma li qatt ma kien ra lil Francis Schembri, hlief il-Qorti.

Ikkonferma li l-bahrin kienu jigu jiehdu l-affarijiet ghall-lanca u jiffirmaw u allura huwa assuma li kienu qed jixtru merkanzija ghall-uzu fuq il-'Peppina'.

Francis Schembri in kontro-ezami a fol. 414 et seq. xhed li Mifsud kien qallu li kien ghamel kuntratt tat-tonn ma' dawk li jigbdu l-gageg, izda ma kien irrizulta xejn minn dan.

A fol. 413, ghar-rigward taz-zewg VAT *numbers*, u wiehed fuq Neptunes Bar u wiehed fuq ismu personali, xhed li ma jiftakarx x'seta kellu fil-passat, u li prezentement kellu VAT *number* wiehed.

B'referenza ghal Dok.22 u ghal kull ricevuta tal-VAT ezebit, Schembri ikkonferma illi ma kienitx l-kitba tieghu ghaliex hu ma jafx jikteb.

Ikkonferma li l-ktieb tal-VAT kien ghand Mifsud. "***Jekk kien hemm numru ta' haddiehor jew kitba ta' haddiehor ma nafx ghax Mifsud kien jimlihom. Iva, il-ktieb tal-VAT kien tieghi, pero' kien ghand Mifsud bhal ma kien il-ktieb tad-dghajsa. Kienu ghand Mifsud ghax id-dghajsa kien qed jiehu hsiebha hu.."*** -A fol. 423.

Fl-ahhar tas-sena kien jibghat l-VAT *receipts* lid-Dipartiment, cioe' lil Rita Spiteri.

Rigward l-hsara fil-magna, Schembri xhed li kien mar jixtri l-*parts* mir-Rabat, hallas ghalihom u kien hemm r-ricevuti ezebiti tal- *gaskets* ghall-magna.

> ***"Meta kont mort nixtri l-hut minghand Mifsud, kont rajt il-lanca s-shipyard."***- A fol. 425

Rigward l-iskema ta' l-Ewropa, Schembri xhed li ma applikax ghall-ghajnuna meta l-lanca kienet f'idejh.

Skond l-affidavit tieghu Franklin Hili, xhed illi kien impjegat fir-ristorant ta' Francis Schembri ghal madwar erba' (4) snin. ***"Fis-sajf tas-sena elfejn u disgha (2009) jiena kemm-il darba kont nisma' lil Francis Schembri jcempel lil Angelo Mifsud u jitolbu jaghtih l-lanca lura."***

Hili ikkonferma li darba kien cempel lil Mifsud huwa stess, izda jidher illi l-lanca kellha xi hsara fil-*gear box*. Huwa sostna li Francis Schembri kien ghadu ma gabarx il-lanca tieghu.

Il-Qorti rat u ezaminat ir-relazzjoni tal-Perit Legali u tgharaf bl-ebda mod ma tista' tistrieh fuq il-konkluzjonijiet hemm raggunti stante li din il-Qorti ma taqbilx mal-apprezzament tax-xhieda rakkolta f'dan il-process.

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghal dikjarazzjoni illi kwalunkwe ftehim bejn il-partijiet relattivament ghall-lanca bl-isem 'Peppina' bin-numru ta' registrazzjoni MFA 384 kien gie terminat u talba sabiex l-imsemmija lanca, flimkien ma' l-accessorji, kunzijiet u makkinarju kollha taghha, jigu rritornati mill-konvenuti lill-attur entro terminu stabbilit, u li fin-nuqqas l-istess attur jigi awtorizzat jirriprendi l-pussess tal-lanca huwa stess, bl-ispejjez kollha konnessi mar-ripriza a kariku tal-konvenuti. Saret talba wkoll ghall-likwidazzjoni tal-qliegh percepit mill-konvenuti bl-uzu tal-lanca u sabiex nofs dan il-qliegh jithallas lill-attur. Talba ohra kienet illi jigi ddikjarat li l-lanca soffriet hsara kemm ilha fil-pussess tal-konvenuti u li jigu likwidati d-danni kollha sofferti mill-lanca, sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsuhom lill-attur.

Illi fil-mertu, din il-kawza si tratta allegat ftehim verbali li sar bejn il-partijiet rigward il-lanca bl-isem ‘Peppina’, propjeta’ ta’ l-attur. Mill-bidunett, il-mertu ta’ tali ftehim verbali gie kkontestat u li ghalhekk mill-provi migbura jirrizulta zewg verzjonijiet differenti u konflingenti. Il-verzjoni ta’ l-attur, u ergo t-talbiet tieghu, hija illi l-ftehim verbali bejn il-kontendenti , kien illi l-lanca ta’ l-attur tghaddi fil-pussess tal-konvenut biex huwa juzaha ghas-sajd principalment tat-tonn u l-pixxispadd, f’ismu jew tramite l-kumpanija konvenuta Lambusa Maritime Company Limited, b’dan illi l-profitti netti mill-istess negozju jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet, b’dan ukoll illi l-konvenut kellu jkun responsabbli li jqabbad il-haddiema biex joperaw il-lanca u jhallashom mis-sehem tieghu.

Minn naha l-ohra, l-verzjoni tal-konvenut hija illi l-ftehim verbali bejniethom kien illi huwa jzomm il-lanca ta’ l-attur fil-kustodja tieghu u li jpoggi l-lanca fuq l-irmig tieghu gewwa Marsaxlokk, u dana solament sabiex jaghmel pjacir u jghin lill-attur li kien ghaddej minn proceduri ta’ separazzjoni personali minn ma’ martu dawk iz-zmienijiet.

Illi l-Qorti ghaldaqstant ser taghmel analizi tal-provi hekk kif migbura, sabiex jigi stabbilit il-bazi tal-ftehim bejn il-partijiet, u cioe’ kienx pjacir, kif jallega l-konvenut biex izomm il-lanca fuq l-irmigg tieghu, jew kienx ftehim dwar trasferiment tal-pussess tal-lanca f’idejn il-konvenuti biex isir biha negozju ta’ sajd minn Malta bit-tqassim tal-profitti netti bejn il-partijiet.

Ghalkemm mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur apparentement dejjem sostna l-istess verzjoni, vide affidavit tieghu a fol. 12 et seq.: *“Fis-sena elfejn u sitta (2006) jiena bdejt proceduri ta’ separazzjoni personali minn ma’ marti Angelina sive Lina Schembri. Meta l-konvenut Anglu Mifsud sar jaf b’dawn il-problemi li kelli huwa ssuggerixxa illi jibda juza l-lanca hu fis-sens illi hu jiehu l-pussess tal-lanca u jqabbad in-nies jahdmu biha hu. Jiena accettajt u konna ftehmna illi hu kellu jiehu l-pussess tal-lanca u jibda jahdem biha, il-ftehim kien verbali u konna bqajna illi mill-qliegh li jsir l-ewwel jitnaqqsu l-ispejjez, imbaghad li l-qliegh li jifdal kellu jinqasam min-nofs bejni u bejnu. Konna ftemna wkoll illi l-haddiema kellhom jithallsu min-nofs tar-rikavat li kien se jiehu hu biex jien ma jkolli xejn x’naqsam maghhom. Huwa kien qalli illi anke jekk nikruha lil tat-tonn bss ukoll kien se jibqalna qliegh tajjeb.”* u xhieda tieghu fis-seduta fl-1 ta’ Novembru 2012 a fol. 402 et seq: *“Dan it-tip ta’ ftehim fuq din il-lanca gieli ghamiltha ma diversi nies, u cioe’ li jkun hemm xi hadd li johodli hsiebha u kont intieh iktar minn sehem. Ma’ Mifsud kien differenti l-ftehim, ghax 50/50. Din*

*id-darba kienet differenti ghaliex is-soltu ma' l-ohrajn kont nohrog maghhom, pero' ma' Mifsud jiena qatt ma hrigt."*

U fis-seduta fil-25 ta' Jannar 2013 a fol. 415: *"Jiena l-lanca tajtielu mhux biex johrog jistad, pero' biex jiehu hsiebha u jmexxiha hu u mbaghad naqsmu l-ispejjez, u s-sajjieda kellu jqabbadhom hu. Kien qalli wkoll li kien ghamel kuntratt tat-tonn ma' dawk li jigbu l-gageg u sa llum ma rajt xejn, paroli biss. Qalli li kellu l-kuntratti lesti, ghalhekk tajthielu l-lanca."*

Din il-Qorti wara li gharlet ix-xhieda kollha prodotta f'dan il-kaz, taghraf li bl-ebda mod ma tista taghti affidibilita' jew kredibilita lix-xhieda tal-attur. Dan qieghed jinghad ghal diversi ragunijiet. Principalment il-Qorti ma tista' taghti ebda affidibilita' lilll-attur meta jirrizulta li huwa ikkonsenja lanca tieghu lill-intimat biss sabiex tigi skapriccata martu minn qliegh tal-komunjoni tal-akkwisti fil-kawza ta' separazzjoni li kienet ghadha pendenti bejniethom. Di piu' din il-Qorti ma tistghax taghti affidibilita' lill-attur li sahhansitra ghamel skrittura privata quddiem nutar ta' self fittizju t'ghoxrin elf minghad l-intimat ghall-istess skop, cioe biex jghabbi l-komunjoni tal-akkwisti u b'hekk jiscapricca lil martu u jevita' illegalment li jghaddielha dak dovut lilha.

Illi di piu hemm provi zjaccanti illi minkejja illi l-Peppina MV kienet tqieghdet f' *hard standing facilities* Marsaxlokk u dan minn Settembru 2008 sal-gurnata tal-llum, Francis Schembri pprezenta ricevuti ta' bejgh ta' hut mill-lanca in kwistjoni fis-sena 2008 – Dok. RS5, **u Dok. RS6 ghas-sena 2009**.

Illi hekk skond l-*email* DOK RS7, l-attur kien ipprezenta r-ricevuti tas-sena 2009 lix-xhud Rita Spiteri **gurnata qabel** ma hija baghtet l-imsemmija *email*, u cioe' fis-7 ta' April 2010. Illi l-kawza in dezamina kienet giet istitwita fit-22 ta' Marzu 2010, u cioe' dawn l-imsemmija rcevuti ghas-sena 2009 kienu gew ipprezentati mill-attur lix-xhud Rita Spiteri b'insistenza da parte ta' l-attur *("**he insisted that to record these sales on the vessel**")* **wara** li kienet infethet il-kawza in dezamina. Illi anke prima facie, u skond l-*email* ikkwotata, **il-prezentata ta' dawn ir-ricevuti hija wahda suspettuza mmens,** kif inhi suspettuza l-insistenza tal-attur max-xhud Spiteri . Il-Qorti taghel accenn wkoll ghall-ittra datata 29 ta' April 2010 iffirmata mid-Direttur Generali tat-Taqsima tar-Regolament tal-Agrikoltura u s-Sajd, Dr Anthony Gruppetta u mibghuta lill-avukat ta' l-attur, Dr Angele Formosa (Dok.RS8), li fiha jinghad:

***"Minn informazzjoni li ghandu dan id-Dipartiment il-bastiment MFA0384 "Peppina" ilu fuq l-iskall ghas-Sajjieda, Ponta tal-Qrejten, Marsaxlokk, mis-17 ta' Settembru 2008. Ghaldaqstant is-Sur Francis Schembri ma jistax jirregistra qabda fuq dan il-bastiment ghax inkella jkolli nfittxu ghal informazzjoni falza."***

Illi fir-rigward ta' Dok. RS6 giet prezentata email datata 8 t'April 2010 (Dok. RS7) illi fiha jinghad

***"...I would like to draw your attention that although this vessel has a non-operational licence and has been standing on the hard since September 2008, yesterday the owner (Schembri Francis of M'Forn Gozo) has presented this office with fiscal receipts for sale of fish with direct sales from this vessel. The receipts he presented totaled to € 13,060.85 of sale of fish caught by the vessel Peppina (MFA0384). I informed the owner that we are aware that this vessel is on the hard but he insisted that to record these sales on this vessel. No fish was recorded to be sold at the Fish Market from this vessel in 2009. I thought of informing you on the situation because I find it verv stranse that a vessel can fish. whilst on the hard!!" "***

Dan kollu huwa wkoll sostanzjat mix-xhieda tal-konvenut meta jaghti t-testimonjanza fuq l-uzu tal-VAT *Numbers*.

L-unici *fiscal receipts* li jappartjenu lill-intimat huma 000204/203/202/201 li jammontaw ghall Lm5050.00.

***"Dak li ddikjara Francis dwar l-ammont ta' fiscal receipt 29,811.00 huma fuq vat li ma jezistix u fuq kumpanija li ma tezistix. Tant hu hekk illi meta s-Sur Tanti mill-fisheries xehed staqsejnieh kemm qabdet hu id-dghajsa. Dan kull ma ppresenta kien biss statistika li kellu minn fuq informazzjoni tad-dipartiment. Meta intalbu l-vouchers tal-bejgh tal-hut tal-pixkerija dawn ma sabu l-ebda records u l-unika records li ingiebu ghal din il-kawza kienu vat fiscal receipts li kien ippresentahom Francis Schembri lil Rita Spiteri. Tanti***

> ***ippresenta dokument li wera li fl-2006 qabdet 41,356, fit-2007 27,880 u fit-2008 1,077 (li qed terga' tigi ppresentata bhala Dok.23). Meta staqsejna lil Joseph Zahra tal-koperattiva dwar min hallas id-djun tad-diesel dan qal li hallsu min ghandu l-ircevuta. Qed nesebixxi Dok.24 sa 27 li huma rcevuti u Dok.28 li hija notamenti ta' Joseph Zahra ghall-kont kollu."***

Il-Qorti ghaldaqstant mehud in konsiderazzjoni il-fatturi fuq indikati, taghraf li ma tistghax isserrah fuq x-xhieda tal-attur, u b'mod specjali ma tistghax tqis ipprovat skond il-ligi li kien hemm ftehim ta'negozju dwar il-lanca Peppina MFA 384 fuq il-binarji li l-attur ipprova jipperswadi lil din il-Qorti.

Il-verzjoni tal-konvenut rigwardanti n-natura tal-ftehim verbali bejn il-partijiet, hija kompletament differenti: *"F'Marzu 2008 kien cempilli Francis Schembri u qalli li kien lest igib il-bastiment Malta u jsib bahrin minn hawn biex juri lill-istaff li kellu li hu ma kienx bzonnhom. Kien talabni biex nisilfu fejn jorbot il-lanca u nsiblu xi crew. Jien ghadtlu biex jara jirrangax ma' Alan u l-crew li kellu qabel. Schembri webbes rasu u gab il-bastiment f'Malta, u cioe Marsaxlokk, u konna poggejnieh fuq irmigg tieghi. Kien talabni biex insiblu xi crew biex jahdem bih u jien kont ghadtlu li kont ser nara insiblux xi sajjied li ried jahdem migehu. Hu qalli li kien lest jahdem mieghu u jaqsam il-qliegh fuq 50/50 basis bl-ingenji b'kollox wara li jaqtghu l-ispejjes."* Il-konvenut regga tenna a fol. 367: *"Ic-cwievet tal-lanca la m'huma u la qatt ma kienu ghandi. Ftehim ma kien hemm qatt ma' Schembri. Iva, naqbel li l-crew kienu n-nies tieghu, pero' kont qabbadthomlu jiena. Jiena kemm sibtlu dan il-crew, pero' ma kelli x'naqsam xejn ma' dan l-arrangament. Dan ghamiltulu bhala pjacir."*

Fl-affidavit ta' Monica Mifsud, jirrizulta illi l-konvenut kien gie mqabbad mill-attur biex jingagga bahrin biex jiehdu hsieb il-lanca. A fol. 362 et seq, hija xhedet illi ma kienitx prezenti ghal ftehim li sar bejn il-kontendenti u taf biss dak li qalilha zewgha. L-intimat minn nafa tieghu jinnega kategorikament li qatt kien hemm ftehim ghal negozju fuq il-lanca in kwistjoni, u li dak li ghamel kien biss biex jghin lill-attur fis-sitwazzjoni ta' problemi matrimonjali li kien jinstab fihom.

Ghar-rigward tat-tieni talba il-Qorti jehtieg illi tanalizza l-ispejjez tal-*hard standing facility* li skond ix-xhieda ta’Marco Cassar, sal-31 ta’ Jannar 2011, l-ammont dovut huwa ta’ €17,020.26.”

Jidher car , mill-provi prodotti, illi l-attur kieku ried, seta’ jiehu l-pussess tal-lanca li dejjem kienet u baqghet registrata f’ismu, billi jhallas il-mizati tal-*hard standing facility* . Il-Qorti taghraf li dan m’ghamlux ghaliex kien qed jipretendi li dan l-ammont jigi mhallas mill-konvenut. Il-fatt illi l-attur allegatament ma kellux cwievet u l-*logbook* f’idejh ma jbiddilx l-istat ta’ fatt li mal-awtoritajiet koncernati, il-lanca baqghet registrata f’ismu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li kien hemm xi forma ta’ ftehim  bejn il-partijiet sabiex l-lanca tittella’ l-art, u cioe’ gewwa l-*hard standing facilities* gewwa Marsaxlokk, dan il-ftehim kien sar a bazi tal-fatt illi l-lanca kellha tissewwa u li ghalhekk kellha tibqa’ fil-*hard standing facilities*  sakemm isiru x-xogholijiet riparatorji necessarji.

Illi ghar-rigward it-talba tad-danni sofferti miz-zewg kontendenti, ma jirrizultax ipprovat sodisfacentement skond il-ligi illi l-hsara fil-*gear box* giet kawzata minn xi negligenza da parti tal-intimat jew tas-socjeta’ intimata.

Illi fir-rigward tat-tielet talba ta’ l-attur, u cioe’ il-likwidar ta’ nofs il-qliegh illi l-konvenut ippercepixxa bl-uzu tal-lanca ta’ l-attur skond il-“ftehim” il-Qorti taghraf illi seta’  kien hemm xi bejgh ta’hut fl-ewwel parti tas-sena 2008 u dan stante li f’Settembru 2008 il-lanca kienet ittellghat fuq l-art gewwa l-*hard standing facilities* Marsaxlokk.

Illi jirrizulta provat sodisfacentement li meta l-lanca kienet ghadha fil-pussess ta’ l-attur, u cioe’ qabel Frar jew Marzu 2008, huwa kien juzaha ghas-sajd, u skond Dok.B (anness mal-kontro-talba tal-konvenuti) fis-sena 2006 il-bejgh net kien fl-ammont ta’ €41,356; fis-sena 2007 il-bejgh nett kien fl-ammont ta’ €27,880; u fl-2008 (u cioe’ sa Jannar 2008 meta l-lanca kienet ghadha fil-pussess ta’ l-attur) il-bejgh net kien fl-ammont ta’ €1.077, **u dan kuntrarjament** ghal dak li xehed il-konvenut.

Dok.B (anness mal-kontro-talba tal-konvenuti) kif ukoll ix-xhieda ta’ Anthony Tanti, li ezebixxa lista mill-2004 sa l-2010 tal-hut mibjugh mill-lanca in kwistjoni (Dok.AT1), juri il-bejgh ta’ hut fis-snin 2006 u 2007, u juri b’mod car u inekwivoku illi kuntrarjament ghal dak

allegat mill-konvenuti, il-lanca kienet fil-fatt qieghda tahdem fis-snin precedenti ghal "ftehim". Il-Qorti tghamel accenn ghax-xhieda ta' Anthony Tanti, *"Rigward Dok.AT1, fejn hem imnizzel "xejn", dan jirreferi ghall-fatt li ma kien hemm xejn mill-pixkerija,* ***pero' seta' kien hem bejgh iehor pero' mhux mill-pixkerija."***

Illi din il-Qorti diga' kellha l-opportunita illi telabora fuq il-qerq manifest tal-attur u taghmel referenza ghal dak illi hija enuncjat fil-konfront ta' DOK RS6, DOK RS7 u DOK RS8. Dawn id-dokumenti jikkostitwixxu prova lampanti il-mala fede ta' l-attur li jattenta li jizgwida lill-Qorti fir-rigward tat-tielet talba tieghu ghall-likwidar tal-qliegh illi l-konvenut bl-uzu tal-lanca Peppina u l-kundanna lill-konvenut sabiex ihallas nofs il-qliegh lill-attur.

Il-Qorti tgharaf illi l-uniku prova ta' bejgh ta' hut ghas-sena 2008, hija dik li giet irregistrata mad-Dipartiment ghar-Regolazzjoni tal-Biedja u s-Sajd. Illi x-xhud Rita Spiteri ezebiet dawn ir-ricevuti ghas-sena 2008 (Dok.RS5), **minn fejn jirrizulta illi ghas-sena 2008, kien hemm telf ta' €4,289.**

Illi fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenuti, u b'referenza ghall-ewwel talba kif dedotta, jirrizulta illi tali talba, u cioe' li l-attur jigi kkundannat ihallas lill-konvenuti l-ammont ta' €27,895.61 rapprezentanti spejjez maghmula fuq il-lanca ta' l-attur, hija bbazata fuq Dok.A (anness mal-kontro-talba tal-konvenuti), liema dokument huwa 'statement of account' mahruga mis-socjeta' konvenuta Lambusa Maritime Company Ltd.

Ghar-rigward tat-talba ghal risarciment tan-nefqa u l-ammont zborzjat mill-konvenut u s-socjeta' tieghu, din il-Qorti tgharaf illi l-konvenut u s-socjeta' intimata qeghdin jippretendu s-somma ta' €27895.61 li minnhom €2675 huwa *diesel*, €2800 huwa ghall-lixka u €2750 huwa ammont imhallas lill-*crew* ta' din il-lanca.

Din il-Qorti tgharaf illi in vista tan-nuqqas ta' ftehim bil-miktub bejn il-kontendenti u fid-dawl tal-provi inkonsistenti ghall-ahhar fil-kawza odjerna, in vista tal-fatt illi l-bahrin fuq il-lanca Peppina MV ma gewx prodotti miz-zewg kontendenti, il-Qorti ma tarax kif hija tista' tikkonsidra l-ammonti pretizi bhala provati skond il-ligi, aktar u aktar meta wiehed jirrealizza li l-konvenut u s-socjeta' tieghu kienu jahdmu fl-istess sfera ta' negozju, kellu l-lanca tieghu, ghaldaqstant kien jehtieg lixka, *fishing apparel* u *diesel* fl-istess perjodu ta' zmien. Infatti, Daniel Ferriggi qatt ma kien ra lill-attur qabel ma ltaqa' mieghu l-Qorti f'dawn il-proceduri.

Hu kien strieh kompletament fuq il-kelma tal-intimat Mifsud ghal kif kellu johrog l-invoices u fuq liema bastiment.

Il-Qorti tgharaf illi ix-xhieda tat-tlett bahrin fuq il-Peppina MV kienu vitali sabiex tigi provata sodisfacentement skond il-Ligi l-vertenza li ghandha quddiemha din il-Qorti, b'mod specjali ghal dak pretiz fil-kontro-talba tal-konvenut u tas-socjeta' intimata.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-intimat Angelic Mifsud u tas-socjeta' Lambusa Maritime Company Limited, in vista tal-korrezzjoni datata 29 ta' Lulju, 2010; tilqa' t-tieni eccezzjoni u tilqa' parzjalment it-tielet eccezzjoni, tilqa' r-raba' eccezzjoni, tilqa' l-hames u s-sitt eccezzjoni parzjalment tal-istess intimat u tas-socjeta' intimata; tichad l-ewwel talba, tilqa' t-tieni talba izda il-pussess tal-lanca ghandha tkun a spejjez tal-attur; tichad it-tielet, ir-raba u l-hames talba tal-attur. Illi fil-konfront tal-kontro-talba, il-Qorti tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni rikonvenzjonali; tilqa' t-tielet u r-raba' eccezzjoni rikonvenzjonali **limitatament**; tichad il-hames eccezzjoni rikonvenzjonali tal-attur; u tichad l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames talba rikonvenzjonali tal-intimat u socjeta' intimata.

Fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-Qorti tqis illi l-kawza tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------